# Kumitat Amministrattiv SWATAR

## Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida

Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

**Minuti**

## Seduta Nru. 45/2014

Data: It-Tnejn, 20 ta' Jannar 2014

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Catherine Mangion – *Membru*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Viċi Chairperson*
Rudolph Cini – *Membru*
Marita Portelli – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*

---

**AĠENDA**

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Traffic Management ġewwa s-Swatar;
6. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
8. Għeluq u Aġġornament.

## Kontenut

Annex A Minuti 45/2014

Annex A

Minuti 45/2014

# 1. Talba

1.1 Il-laqgħa bdiet fis-5.30pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

# 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Is-Sur Cini talab li ssir korrezzjoni fil-minuti Nru 43 fejn f'sezzjoni 2.1 il-kliemi 'linji bojod' jinbidlu bil-kliem 'linji sofor'. *Korrezzjoni*

2.2 Il-Minuti Nru 43 ġew approvati mill-membri tal-Kumitat preżenti. *Approvazzjoni – Minuti 43*

2.3 Il-Minuti Nru 44 ġew approvati mingħajr korrezjonijiet. *Approvazzjoni – Minuti 44*

# 3. Punti Mqajma mill-Minuti

3.1 Iċ-Chairperson reġgħet talbet li ssir laqgħa mad-Direttur tad-DLG u mal-Ministru Herrera fuq l-art tas-Sisla. *Laqgħa dwar l-art tas-Sisla*

3.2 Punt 4.3 – Reġgħet saret talba biex issir applikazzjoni għal-bozz fi Triq il-Ġostra. Iċ-Chairperson qalet li hi u s-Sindku ta' Birkirkara ser jagħmlu laqgħa ma' l-Enemalta. *Dwal fi Triq il-Ġostra*

3.3 Punt 4.5 – Iċ-Chairperson informat lill-Kumitat li l-attivita' tal-Muturi saret mal-Grupp ta' Puttinu Cares f'attivita waħda. *Attivita' tal-Muturi*

3.4 Punt 4.9 – Is-Segretarju ntalbet tfakkar lill-Kunsill ta' B'Kara minħabba l-mera li hemm bżonn ħdejn l-X Zone. *Mera ħdejn l-X Zone*

3.5 Punt 4.10 – Is-Segretarju reġgħet intalbet tgħid lill-Enemalta minħabba l-arblu ta' ħdejn ir-Romp Around. Dan huwa ta' periklu u hemm bżonn jitneħħa. *Arblu ħdejn ir-Romp Around*

3.6 Punt 4.11 – Is-Segretarju għandha tikkuntatja lit-TM minħabba t-tabelli li għandhom bżonn isiru. *Tabelli f'toroq arterjali*

3.7 Punt 4.12 – Għandha ssir laqgħa bejn is-Sna Spiter u s-Sur Brincat biex hu jressaq il-proposta ta' Sleeping Police fil-laqgħa tal-Kunsill ta' L-Imsida. *Sleeping Police – Bejn Triq is-Swatar u Triq Balliju Gutenberg*

3.8 Punt 4.14 – Is-Segretarju informat lill-Kumitat li meta jkunu ser jagħmlu l-'bins' u l-'istickers' il-Kunsill ta' L-Imsida ser jagħmlu għas-Swatar ukoll. *Bins u Stickers - Ħmieġ tal-Klieb*

3.9 Punt 4.17 – Is-Segretarju kienet qed tistenna li St Martin's College jikkonfermaw id-data. *Laqgħa ma' St Martin's College*

3.10 Punt 4.18 – Iċ-Chairperson ikkonfermat li attendew 45 persuna meta kien hemm il-Blood Donation Unit. *Blood Donation*

# 4. Korrespondenza

4.1 Ma kienx hemm ebda korrispondenza x'titressaq quddiem il-Kumitat.

# 5. Traffic Management

5.1 Is-Segretarju spjegat li qed jipproponu l-Periti u anke uriet l-proposti fuq pjanta tas-Swatar. Talbet skuża lill-membri tal-Kumitat minħabba li l-Periti bagħtu xi pjanti aktar dettaljati imma ma setgħetx tniżżilhom minn fuq l-Internet minħabba problemi fil-

kompjuter. Is-Segretarju qalet li ser tibgħat il-pjanti b'xi mod lill-membri tal-Kumitat.

5.2 Il-Membri tal-Kumitat talbu stima ta' l-ispejjeż involuti f'dan l-eżerċizzju. *Spejjeż relatati mat-Traffic Management propost*

## 6 Sit fis-Swatar – Eżerċizzju ta' Rationalisation

6.1 Wara diskussjoni fuq il-potenzjal ta' dan is-sit il-Kumitat qabel li importanti li jkun hemm parkeġġ taħt l-art, u diversi spazji ta' rekreazzjoni. Tkellmu ukoll fuq il-postenzjal li ssir dar Dar ta' L-Anzjani jew nies b'diżabilita'. Il-Kumitat saħaq fuq l-importanza li jkun hemm spazji miftuħa u għall-rekreazzjoni. *Fun Walk*

6.2 Dawn il-proposti ser jitresqu lill-Kunsill ta' L-Imsida fil-laqgħa li jmiss.

6.3 Il-Kumitat qabel li għandhom jitolbu li l-Awtorita' tad-Djar jinkorporaw Ċentru Ċiviku mal-proġett li għandhom ippjanat fl-art tas-Sisla. *Courses tal-BLS*

## 7 Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

*Mera ħdejn l-X Zone*

7.1 Il-Kumitat talab aktar informazzjoni fuq il-possibilita' li sit faċċata tal-Bandli tas-Swatar jinbidel f'żona rekreazzjonali (eż Picnic Area) *Żona rekreazzjonali*

7.2 Il-Kumitat tkellem fuq Triq Indri Grima (mhux il-parti li hemm bżonn tinfetaħ triq) biex isir xi tip ta' 'landscaping' bħal Belleveder. Din il-parti taqa taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill ta' L-Imsida. *Bellveder*

7.3 Is-Sur Zahra talab biex il-Kumitat jitlob lill-Enemalta tneħħi arblu tad-dawl ta' l-injam li jinsab fi Triq is-Swatar u biex jirranġaw tgeġwiġija ta' wajrs li hemm. Hu qal li ma dan l-arblu m'hemmx bozzoz u qal ukoll li din iż-żona hija mudlama u għandu bżonn jiżdied id-dawl. *Arblu, Triq is-Swatar.*

7.4 Il-Kumitat talab għal bozza ġdida fi Triq il-Qanpiena (fil-kantuniera li tagħti minn Triq Graffiti għal Triq il-Qanpiena) *Bozza ġdida fi Triq il-Qanpiena*

## 8 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson

8.1 Iċ-Chairperson talbet li sa l-aħħar ta' Frar issir laqgħa fuq il-Proġett tas-Sisla ma rappreżentanti mill-MEPA, DLG, l-Awtorita' tad-Djar u t-Trasport Malta. *Laqgħa dwar l-art tas-Sisla*

## 9 Għeluq u Aġġornament

9.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis 18:44.

Mary Rose Mifsud
*Chairperson*

Marita Portelli

Segretarju Eżekuttiv

Data